DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ottubru 2014

li temenda l-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għat-*Trichinella* fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam li ġejjin minn annimali porċini domestiċi

(notifikata bid-dokument C(2014) 7921)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/759/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([2]) tistipula, *inter alia*, il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam. Din tistipula li għandhom jiġu importati fl-Unjoni biss kunsinni ta' prodotti tal-laħam li huma konformi mar-rekwiżiti tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika stabbiliti fl-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni. Dan il-mudell jinkludi garanziji fir-rigward tat-*Trichinella*.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 ([3]) jistabbilixxi regoli għall-kampjunar ta' karkassi ta' speċijiet suxxettibbli għal infezzjonijiet tat-*Trichinella* u għad-determinazzjoni tal-istatus ta' rziezet li fihom jinżammu majjali domestiċi.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 216/2014 ([4]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2075/2005 jagħti deroga mid-dispożizzjonijiet tal-ittestjar fil-ħin tal-qatla lil irziezet li huma uffiċjalment rikonoxxuti bħala li qed japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 216/2014 jistabbilixxi li rziezet li fihom jinżammu majjali domestiċi jistgħu biss jiġu rikonoxxuti bħala li qed japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni jekk, *inter alia*, l-operatur tan-negozju tal-ikel jintroduċi majjali domestiċi ġodda f'dawn l-irziezet biss jekk dawn ikunu ġejjin minn irziezet oħra li huma rikonoxxuti b'mod uffiċjali bħala li qegħdin japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni.

(4) Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandu jiġi emendat biex jirrifletti r-rekwiżiti relatati mal-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam li huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2075/2005, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 216/2014.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam minn annimali porċini domestiċi, l-użu taċ-ċertifikati maħruġa skont il-verżjoni tad-Deċiżjoni 2007/777/KE ta' qabel ma ġew introdotti fiha l-emendi b'din id-Deċiżjoni għandu jkun awtorizzat matul perjodu tranżitorju, soġġett għal ċertu kundizzjonijiet.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-Trichinella fil-laħam (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 60).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 216/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 85).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt II.2.3.1. huwa mibdul b'dan li ġej:

"*jew*	[2][II.2.3.1.	il-prodotti tal-laħam ġew mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jew kien soġġett għal eżami tat-trichinosis b'riżultati negattivi jew kien soġġett għal trattament ta' tkessieħ skont ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005;]
jew	[2][6][II.2.3.1.	il-prodotti tal-laħam ġew mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jew ġej minn annimali porċini domestiċi li ġejjin minn razzett rikonoxxut uffiċjalment bħala li qed japplika kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni b'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005, jew minn annimali porċini domestiċi li mhumiex miftuma u li għandhom età ta' inqas minn 5 ġimgħat;]"

(2) fil-Parti II tan-Noti, in-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja hija miżjuda wara n-nota ta' qiegħ il-paġna (5):

"(6) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'K' fil-kolonna 'SG' tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010."

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Marzu 2015, jistgħu jkomplu jiddaħħlu fl-Unjoni kunsinni ta' prodotti tal-laħam akkumpanjati miċ-ċertifikat rilevanti maħruġ mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2015 b'konformità maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE fil-verżjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni